



Kumitat għall-Baġits

2022/0039(COD)

6.7.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

(COM(2022)0057 – C9-0045/2022 – 2022/0039(COD))

Rapporteur għal opinjoni: José Manuel Fernandes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Hemm ħtieġa dejjem akbar ta' aċċess aktar sigur u affidabbli, iżda affordabbli u kosteffettiv, għall-komunikazzjoni bis-satellita. Din qiegħda ssir dejjem aktar evidenti fil-kuntest ġeopolitiku diffiċli attwali. Il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, li jtejjeb ir-reżiljenza tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-Unjoni u jikkontribwixxi għar-reżiljenza ċibernetika tal-Unjoni. Jappoġġa wkoll il-bażi industrijali spazjali, inklużi l-SMEs u n-negozji ġodda, u jippermetti l-iżvilupp ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel. Il-programm jikkonsisti fi sħubija pubblika-privata, bil-forniment ta' servizzi governattivi u kummerċjali. Fl-2025 għandu jkun aċċessibbli sett preliminari ta' servizzi governattivi, b'kapaċità sħiħa fl-2027.

Ir-rapporteur jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel progress rapidu fuq din l-inizjattiva kruċjali, fejn l-UE qiegħda tikkompeti ma' atturi oħra dinamiċi ħafna. Huwa jqis li l-programm jikkontribwixxi bil-kbir għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq atturi pubbliċi u privati minn pajjiżi terzi.

Fir-rigward tal-impatt baġitarju u tad-dispożizzjonijiet finanzjarji, ir-rapporteur jinsisti li l-pakkett finanzjarju tal-programmi eżistenti tal-UE ma għandux jitnaqqas biex jiġu ffinanzjati programmi ġodda. Barra minn hekk, il-mudell ta' finanzjament tal-programm għal Konnettività Sigura, li huwa bbażat parzjalment fuq kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u mis-settur privat, ma għandux jirrappreżenta riskju finanzjarju għall-komponent governattiv tal-programm.

Il-preservazzjoni tal-livell ta' finanzjament tal-Programmi eżistenti tal-UE

Peress li l-Programm għal Konnettività Sigura huwa inizjattiva ġdida li ma kinitx prevista meta ġie stabbilit il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027, u biex jiġi evitat kwalunkwe tnaqqis minn programmi oħra tal-Unjoni, l-ammont tal-pakkett finanzjarju għandu jittieħed mill-marġnijiet mhux allokati fl-ambitu tal-limiti massimi tal-QFP jew immobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP.

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi r-riallokazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 1,6 biljun tul il-perjodu 2023-2027. Minn dan l-ammont totali, EUR 150 miljun jiġu mill-marġnijiet iżda l-bqija jiġu minn programmi eżistenti (il-Programm Spazjali - Galileo/EGNOS, FNE-Diġitali, il-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u r-riżerva tal-NDICI).

Ir-rapporteur jikkunsidra li dawn l-ammonti huma neċessarji għall-eżekuzzjoni tajba tal-programmi relatati. Għalhekk mhuwiex aċċettabbli li jiġu riallokati għal attività kompletament ġdida. B'mod partikolari:

- L-FNE-Diġitali u d-DEP huma komponenti ewlenin tal-istrateġija tal-Unjoni biex tikseb it-tranżizzjoni diġitali. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar iċ-Ċipep ikollha impatt negattiv kemm fuq il-FNE-Diġitali kif ukoll fuq id-DEP;
- Il-finanzjament għall-EDF tnaqqas ħafna mill-Kunsill Ewropew meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni u għalhekk diġà huwa ferm aktar baxx mill-ammont li l-Kummissjoni u l-Parlament ħassew li kien meħtieġ. Barra minn hekk, huwa element kruċjali fit-tiswir ta' politika Ewropea ta' difiża. Il-Kunsill Ewropew iddeskriva l-

invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja bħala "bidla tettonika fl-istorja Ewropea". Riallokazzjoni "bħas-soltu" mhijiex reazzjoni adattata għas-sitwazzjoni;

- Ir-riżerva tal-Isfidi u l-Prijoritajiet Emerġenti tal-NDICI hija maħsuba biex tindirizza ċirkostanzi mhux previsti. Għandha tiġi mmobilizzata biss għal kriżijiet ġodda jew għal sfidi emerġenti, u mhux għal inizjattivi ppjanati jew programmabbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprevedi l-allokazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 800 miljun matul il-perjodu 2023-2027. Ir-rapporteur jista' jaċċetta l-allokazzjoni ta' ammonti fl-ambitu tal-Programm Spazjali (GovSatCom) u Orizzont Ewropa, peress li l-objettivi tal-programmi tagħhom huma komplementari u koerenti ma' dawk tal-Konnettività Sigura. Madankollu, huwa jipproponi li l-ammont allokati fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa jiġi kkompensat bl-użu ta' diżimpenji minn programmi ta' riċerka. Ir-rapporteur ma jaqbilx mal-allokazzjoni ta' EUR 150 miljun fl-ambitu tal-programm NDICI - Ewropa Globali, li jkopri l-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi. Dan mhuwiex iġġustifikat, b'mod partikolari fid-dawl tal-kuntest globali. Il-finanzjament għall-programm NDICI diġà huwa f'tit wisq wara biss sena waħda fil-QFP attwali.

L-iżgurar tal-vijabbiltà tal-komponent governattiv tal-programm

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tantiċipa li sehem kbir tal-finanzjament mhuwiex se jiġi mill-Baġit tal-UE. Tabilħaqq, huwa mistenni li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-infrastruttura u għas-servizzi governattivi, filwaqt li s-sħab privati jiffinanzjaw kompletament l-infrastruttura kummerċjali u l-forniment ta' servizzi kummerċjali.

Mekkaniżmu tajjeb ta' salvagwardja bejn il-komponenti governattivi u dawk kummerċjali se jkun kruċjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi governattivi, fi kwalunkwe sitwazzjoni ta' inadempjenza min-naħa tas-sieħeb kummerċjali.

Fir-rigward tal-komponent governattiv, il-Kummissjoni tipprevedi finanzjament kemm mill-baġit tal-UE kif ukoll mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. Għalhekk ir-Regolament għandu jiżgura li ma jkun hemm ebda riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jikkontribwixxu biex jiżguraw il-vijabbiltà tal-infrastruttura governattiva u tal-forniment tas-servizzi fil-perjodu taż-żmien definit.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

1. Hemm domanda dejjem akbar mill-atturi governattivi tal-Unjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita siguri u affidabbli, b'mod partikolari minħabba li **jkunu** l-unika għażla vijabbli f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-art ma jkunux jeżistu, jiġu mfixkla jew ma jkunux affidabbli. Aċċess li jkun għall-but ta' kulħadd u kosteffettiv għal komunikazzjoni bbażata fuq is-satellita huwa wkoll indispensabbli f'reġjuni remoti u fl-ibħra miftuħa u fl-ispazju tal-ajru. Pereżempju, fejn in-nuqqas ta' komunikazzjoni b'wisa' tal-banda għolja bħalissa jillimita l-kapaċità li jittieħed vantaġġ sħiħ minn sensuri u pjattaformi ġodda li josservaw il-71 % tal-pjaneta tagħna li hija oċean, il-komunikazzjoni bis-satellita tiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 25

(25) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju, li jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda²², għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

1. Hemm domanda dejjem akbar mill-atturi governattivi tal-Unjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita siguri u affidabbli, b'mod partikolari minħabba li **huma** l-unika għażla vijabbli f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-art ma jkunux jeżistu, jiġu mfixkla jew ma jkunux affidabbli. Aċċess li jkun għall-but ta' kulħadd u kosteffettiv għal komunikazzjoni bbażata fuq is-satellita huwa wkoll indispensabbli f'reġjuni remoti, **inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi**, u fl-ibħra miftuħa u fl-ispazju tal-ajru. Pereżempju, fejn in-nuqqas ta' komunikazzjoni b'wisa' tal-banda għolja bħalissa jillimita l-kapaċità li jittieħed vantaġġ sħiħ minn sensuri u pjattaformi ġodda li josservaw il-71 % tal-pjaneta tagħna li hija oċean, il-komunikazzjoni bis-satellita tiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni.

(25) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju, li jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda²², għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. **Peress li l-Programm huwa inizjattiva ġdida li ma**

kinixx prevista meta għe stabbilit il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027, u biex jiġi evitat kwalunkwe tnaqqis minn programmi oħra tal-Unjoni, l-ammont tal-pakkett finanzjarju jenħtieġ li jittieħed mill-marġnijiet mhux allokat f-l-ambitu tal-limiti massimi tal-QFP jew immobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP.

²² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

²² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

Ġustifikazzjoni

Il-pożizzjoni stabbilita tal-Parlament Ewropew hija li inizjattivi ġodda għandhom jiġu ffinanzjati bl-użu ta' riżorsi ġodda. L-istess approċċ għandu jiġi applikat f'din is-sitwazzjoni. B'mod partikolari, ma għandux ikun hemm fondi riallokati minn programmi oħra tal-Unjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-oġġettivi tal-Programm huma koerenti u komplementari ma' dawk ta' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, il-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ u, b'mod partikolari, il-Programm Spazjali tal-Unjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷.

Emenda

(26) L-oġġettivi tal-Programm huma koerenti u komplementari ma' dawk ta' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, il-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ u, b'mod partikolari, il-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷. ***Madankollu, jenħtieġ li fondi minn dawk il-programmi***

ma jiġux riallokati biex jiffinanzjaw il-Programm.

²³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteciġazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u,

²³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteciġazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u,

(UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

(UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

Ġustifikazzjoni

Huwa minnu li l-objettivi tal-Programm għal Konnettività Sigura jikkomplementaw dawk ta' programmi oħra tal-Unjoni. Madankollu, fondi minn dawk il-programmi ma għandhomx jiġu riallokati biex jiffinanzjaw din l-inizjattiva l-għdida.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Il-Programm Orizzont Ewropa se jalloka sehem dedikat mill-komponenti tiegħu ***tal-Raggruppament*** 4 għall-attivitajiet tar-riċerka u ***innovazzjoni*** relatati mal-iżvilupp u mal-validazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura, inkluż għat-teknoloġiji potenzjali li jiġu żviluppati taħt Spazju Ġdid. ***L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) se jalloka sehem dedikat tal-fondi ta' Ewropa Globali tiegħu*** għal ***attivitajiet relatati mal-operat tas-sistema u mal-provvediment ta' servizzi, u dan se jippermetti li jiġu offruti firxa ta' servizzi lil sħab internazzjonali.*** Il-Programm Spazjali tal-Unjoni se jalloka sehem dedikat tal-komponent GOVSATCOM tiegħu għall-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-GOVSATCOM Hub li se jiffirma parti mill-infrastruttura tal-art tas-sistema ta' Konnettività Sigura. Il-finanzjament li joriġina minn dawn il-programmi jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-regoli ta' dawn il-programmi. Minħabba li dawk ir-regoli huma differenti sew mir-regoli taħt dan ir-Regolament, il-ħtieġa li l-objettivi tal-politika intenzjonali jintlaħqu b'mod effettiv jenħtieġ li tiġi kkunsidrata meta

Emenda

(27) Il-Programm Orizzont Ewropa se jalloka sehem dedikat mill-komponenti tiegħu ***tar-Raggruppament*** 4 għall-attivitajiet tar-riċerka u ***l-innovazzjoni*** relatati mal-iżvilupp u mal-validazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura, inkluż għat-teknoloġiji potenzjali li jiġu żviluppati taħt Spazju Ġdid. ***Peress li l-Programm għal Konnettività Sigura huwa inizjattiva għdida u l-Programm Orizzont Ewropa huwa prijorità ewlenija tal-Unjoni, l-allokazzjoni ta' fondi għal dawk l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li ma tnaqqas xejn mill-attivitajiet l-oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni mwettqa taħt ir-Raggruppament 4, li huma essenzjali għall-kompetittività tal-Unjoni u għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Konsegwentement, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi istituzzjonali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jsir disponibbli għall-Programm Orizzont Ewropa ammont ta' approprijazzjonijiet ta' impenn ekwivalenti għall-ammont allokati taħt ir-Raggruppament 4 għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-sistema ta' konnettività sigura matul il-perjodu 2023-2027, li jirriżulta min-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew***

tkun qed tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet *kemm* mill-fondi allokati minn Orizzont Ewropew u *NDICI kif ukoll* mill-Programm ta' Konnettività Sigura tal-Unjoni.

parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew għall-predeċessur tiegħu, kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju"). Dan l-ammont huwa addizzjonali għall-ammont ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) previst fid-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka. Il-Programm Spazjali tal-Unjoni se jalloka sehem dedikat tal-komponent GOVSATCOM tiegħu għall-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-GOVSATCOM Hub li se jiffirma parti mill-infrastruttura tal-art tas-sistema ta' Konnettività Sigura. Il-finanzjament li joriġina minn dawn il-programmi jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-regoli ta' dawn il-programmi. Minħabba li dawk ir-regoli huma differenti sew mir-regoli taħt dan ir-Regolament, il-ħtieġa li l-oġettivi tal-politika intenzjonali jintlaħqu b'mod effettiv jenħtieġ li tiġi kkunsidrata meta tkun qed tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet mill-fondi allokati minn Orizzont Ewropew u mill-Programm ta' Konnettività Sigura tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi li talloka fondi fl-ambitu ta' tliet Programmi oħra għall-fini tal-Konnettività Sigura. Jagħmel sens li jintuża l-Govsatcom Hub; dik l-allokazzjoni tista' għalhekk tiġi appoġġata. Jagħmel sens ukoll li jiġu appoġġati l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-programm fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa. Madankollu, huwa ssuġġerit li dak jiġi kkompensat bl-użu ta' diżimpenji skont l-Artikolu 15(3), bil-għan li jiġi żgurati li r-Raggruppament 4 ma jonqosx minħabba din l-inizjattiva l-ġdida. L-allokazzjoni fl-ambitu tal-NDICI ma tistax tiġi appoġġata.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 28

(28) Minħabba l-implikazzjonijiet inerenti tiegħu fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jikkondividi wkoll objettivi u prinċipji mal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. Għalhekk, parti mill-finanzjament minn dak il-Programm jenħtieġ li jiġi pprovdut biex jiffinanzja l-attivitajiet taħt dan il-Programm, b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-infrastruttura tiegħu.

imħassar

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

Ġustifikazzjoni

Il-baġit propost oriġinarjament mill-Kummissjoni għall-EDF tnaqqas ħafna mill-Kunsill Ewropew. Fid-dawl tal-ġrajjet kurrenti, dak kien żball. Ma jistax jiġi appoġġat aktar tnaqqis ta' dan l-ammont.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

(28a) Il-programm jenħtieġ li jgawdi livell suffiċjenti ta' finanzjament biex jiġi żgurat is-suċċess tiegħu. Minbarra l-pakkett finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni, il-Programm jista' jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura minn partijiet oħra, inklużi Stati Membri. Tali kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu stabbiliti filwaqt li

jitqiesu l-ħtiġijiet ġenerali tal-Istati Membri, u b'qies tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-solidarjetà u tal-ekwità. Barra minn hekk, l-infrastruttura tal-Programm tista' tiġi kkomplementata b'kapaċitajiet addizzjonali ffinanzjati minn investimenti addizzjonali mis-settur privat.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28b) Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Programm jenħtieġ li jitqiesu fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-istabbiltà, il-koerenza, l-ambizzjoni u l-finanzjament fit-tul tal-Programm. Finanzjament xieraq permezz tal-baġit tal-Unjoni jiżgura skrutinju demokratiku tal-Programm fil-proċedura baġitarja annwali u jippermetti l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Unjoni dwar il-kontroll finanzjarju u l-kwittanza.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 28c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28c) Diversi Stati Membri pprogrammaw fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għal attivitajiet spazjali. Sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza tar-riżorsi finanzjarji disponibbli u jiġu żgurati sinerġiji bejn il-Programm u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġu jallinjaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Il-kuntratti ta' akkwist konklużi taħt il-Programm għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni. **F'dan** il-kuntest, jenħtieġ li l-Unjoni tkun responsabbli wkoll għad-definizzjoni tal-oġġettivi li jridu jintlaħqu fir-rigward tal-akkwist pubbliku.

Emenda

(33) Il-kuntratti ta' akkwist konklużi taħt il-Programm għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni **u mal-prinċipji speċifiċi deskritti f'dan ir-Regolament.** **F'dak** il-kuntest, jenħtieġ li l-Unjoni tkun responsabbli wkoll għad-definizzjoni tal-oġġettivi li jridu jintlaħqu fir-rigward tal-akkwist pubbliku. **Jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi parteċipazzjoni ġeografika wiesgħa fost l-atturi ekonomiċi fil-proċeduri tal-akkwist. L-aġenzija kontraenti jenħtieġ li tiffavorixxi soluzzjonijiet tekniċi li jkunu fattibbli fit-tul.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Sħubija pubblika-privata hija l-aktar skema xierqa biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-Programm ikunu jistgħu jiġu segwiti. Hija tippermetti li l-bażi teknoloġika u infrastrutturali eżistenti tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-UE tkompli tiġi żviluppata u li jiġu pprovduti servizzi governattivi robusti u innovattivi, filwaqt li tippermetti lis-sieħeb privat jikkomplementa l-infrastruttura tal-Programm b'kapaċitajiet addizzjonali biex joffri servizzi kummerċjali permezz ta' investimenti proprji addizzjonali. Barra minn hekk, skema bħal din tottimizza l-kostijiet tal-implimentazzjoni u tal-operat

Emenda

(38) Sħubija pubblika-privata hija l-aktar skema xierqa biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-Programm ikunu jistgħu jiġu segwiti. Hija tippermetti li l-bażi teknoloġika u infrastrutturali eżistenti tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-UE tkompli tiġi żviluppata u li jiġu pprovduti servizzi governattivi robusti u innovattivi, filwaqt li tippermetti lis-sieħeb privat jikkomplementa l-infrastruttura tal-Programm b'kapaċitajiet addizzjonali biex joffri servizzi kummerċjali permezz ta' investimenti proprji addizzjonali. Barra minn hekk, skema bħal din tottimizza l-kostijiet tal-implimentazzjoni u tal-operat

billi tikkondividi l-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni fuq komponenti komuni kemm għall-infrastrutturi governattivi kif ukoll għal dawk kummerċjali, kif ukoll għall-kostijiet operazzjonali billi tippermetti livell għoli ta' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità. Hija tistimula l-innovazzjoni b'mod partikolari għal Spazju Ġdid billi tippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tar-Riċerka u l-Iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u privati.

billi tikkondividi l-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni fuq komponenti komuni kemm għall-infrastrutturi governattivi kif ukoll għal dawk kummerċjali, kif ukoll għall-kostijiet operazzjonali billi tippermetti livell għoli ta' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità. Hija tistimula l-innovazzjoni b'mod partikolari għal Spazju Ġdid billi tippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tar-Riċerka u l-Iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u privati. ***Dawk il-kostijiet u dawk ir-riskji jenħtieġ li jiġu kondiviżi b'tali mod li jiġi żgurati li s-sħab privati ma jirċievu l-ebda kumpens żejjed. Is-sħubijiet pubbliċi-privati jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-bidliet fil-kundizzjonijiet klimatiċi, ir-riskju ta' diżastri u l-miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih jiġu identifikati u kkunsidrati matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett mill-iżvilupp u t-fassil sal-implimentazzjoni ta' kull proġett individwali. Il-proġetti jenħtieġ li jaderixxu mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti".***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Il-mudell ta' implimentazzjoni jista' jieħu l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni jew ta' arranġamenti kuntrattwali oħra. Irrispettivament mill-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bosta prinċipji ewlenin. Jenħtieġ li l-kuntratt jistabbilixxi distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn is-sħab pubbliċi u privati. ***Għalhekk, jenħtieġ li jevita kwalunkwe kumpens żejjed tas-sieħeb*** privat għall-forniment ta' servizzi governattivi, jippermetti li l-forniment ta' servizzi kummerċjali jiġi stabbilit mis-settur privat, u jiżgura prijoritizzazzjoni

Emenda

(39) Il-mudell ta' implimentazzjoni jista' jieħu l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni jew ta' arranġamenti kuntrattwali oħra. Irrispettivament mill-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bosta prinċipji ewlenin ***li jikkomplementaw ir-regoli inklużi fir-Regolament Finanzjarju u speċifiċi għall-Programm.*** Jenħtieġ li l-kuntratt jistabbilixxi distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn is-sħab pubbliċi u privati, ***flimkien ma' allokazżjoni ċara tar-riskji bejniethom, bil-għan li jiġi żgurati li s-sieħeb*** privat

xierqa tal-ħtiġijiet tal-utenti governattivi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tivvaluta u tapprova tali servizzi biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-objettivi tal-Programm jiġu ppreservati **u jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati** biex **jipprevjenu** distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi kummerċjali; **tali salvagwardji jistgħu jinkludu** s-separazzjoni tal-kontijiet bejn is-servizzi governattivi u kummerċjali, l-aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Jenħtieġ li s-sħubija pubblika-privata trawwem il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs tul il-katina tal-valur kollha tal-konċessjoni u madwar l-Istati Membri, u b'hekk tinċentiva l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela

jassumi r-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas li jkun responsabbli għalih. Il-kuntratt jenħtieġ li jiżgura wkoll li s-sieħeb privat ma jirċievi l-ebda kumpens żejjed għall-forniment ta' servizzi governattivi, jippermetti li l-forniment ta' servizzi kummerċjali jiġi stabbilit mis-settur privat, u jiżgura prijoritizzazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet tal-utenti governattivi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tivvaluta u tapprova tali servizzi biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-objettivi tal-Programm jiġu ppreservati. **Huwa importanti li jiġi żgurati li jkun hemm fis-seħħ miżuri** biex **jiżguraw li daww l-interessi u l-objettivi essenzjali jiġu ppreservati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità tas-servizz f'każ li l-kuntrattur ma jkunx jista' jaqdi l-obbligi tiegħu. Il-kuntratt jenħtieġ li jipprevjeni, fost affarijiet oħra, kunflitti ta' interess u distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi kummerċjali. Dan jista' jsir, fost oħrajn, billi tiġi inkluża s-separazzjoni tal-kontijiet bejn is-servizzi governattivi u kummerċjali, l-aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Jenħtieġ li s-sħubija pubblika-privata trawwem il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs tul il-katina tal-valur kollha tal-konċessjoni u madwar l-Istati Membri, u b'hekk tinċentiva l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela**

Ġustifikazzjoni

Il-kuntratti għandhom jiżguraw li jiġi ppreservat l-interess finanzjarju tal-Unjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) L-Istati Membri ilhom attivi fil-qasam tal-ispazju. Huma għandhom sistemi, infrastruttura, aġenziji u korpi nazzjonali marbuta mal-ispazju. Għalhekk, jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-Programm, speċjalment għall-implimentazzjoni tiegħu. **Huma jistgħu** jikkooperaw mal-Unjoni biex jippromwovus-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-Programm u jiżguraw koerenza bejn l-inizjattivi nazzjonali rilevanti u l-Programm. Il-Kummissjoni **tista'** timmobilizza l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tibbenefika mill-assistenza tagħhom u, soġġett għal kundizzjonijiet maqbula reċiprokament, tiddelega lill-Istati Membri kompiti mhux regolatorji fl-implimentazzjoni tal-Programm. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri stabbilita fit-territorji tagħhom. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien u ma' korpi internazzjonali u ma' awtoritajiet regolatorji xierqa biex jiżguraw li l-frekwenzi meħtieġa għall-Programm ikunu disponibbli u protetti fil-livell adegwat biex ikun hemm lok għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-applikazzjonijiet abbażi tas-servizzi offruti, f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) F'konformità mal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u

Emenda

(41) L-Istati Membri ilhom attivi fil-qasam tal-ispazju. Huma għandhom sistemi, infrastruttura, aġenziji u korpi nazzjonali marbuta mal-ispazju. Għalhekk, jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-Programm, speċjalment għall-implimentazzjoni tiegħu. **Jenħtieġ li** jikkooperaw mal-Unjoni biex jippromwovus-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-Programm u jiżguraw koerenza bejn l-inizjattivi nazzjonali rilevanti u l-Programm. Il-Kummissjoni **jenħtieġ li** timmobilizza l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tibbenefika mill-assistenza tagħhom u, soġġett għal kundizzjonijiet maqbula reċiprokament, tiddelega lill-Istati Membri kompiti mhux regolatorji fl-implimentazzjoni tal-Programm. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri stabbilita fit-territorji tagħhom. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien u ma' korpi internazzjonali u ma' awtoritajiet regolatorji xierqa biex jiżguraw li l-frekwenzi meħtieġa għall-Programm ikunu disponibbli u protetti fil-livell adegwat biex ikun hemm lok għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-applikazzjonijiet abbażi tas-servizzi offruti, f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

(42) F'konformità mal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u

bħala promotur tal-interess ġenerali tal-Unjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li timplimenta l-Programm, tassumi responsabbiltà ġenerali u tippromwovi l-użu tiegħu. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tad-diversi partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddelega ċerti kompiti lil entitajiet oħra f'ċirkostanzi ġustifikabbli. Ladarba għandha r-responsabbiltà ġenerali tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali prinċipali meħtieġa biex tiġi implimentata l-evoluzzjoni tas-sistemi u tas-servizzi. Jenħtieġ li tagħmel dan wara li tkun ikkonsultat lill-esperti tal-Istati Membri, lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-TFUE, l-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni ma jirriżultax f'impediment għall-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom. Madankollu, biex isir użu tajjeb mill-fondi tal-Unjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiżgura, kemm jista' jkun, il-koerenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm, ma' dawk tal-Istati Membri.

bħala promotur tal-interess ġenerali tal-Unjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li timplimenta l-Programm, tassumi responsabbiltà ġenerali u tippromwovi l-użu tiegħu. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tad-diversi partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddelega ċerti kompiti lil entitajiet oħra f'ċirkostanzi ġustifikabbli. Ladarba għandha r-responsabbiltà ġenerali tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali prinċipali meħtieġa biex tiġi implimentata l-evoluzzjoni tas-sistemi u tas-servizzi. Jenħtieġ li tagħmel dan wara li tkun ikkonsultat lill-esperti tal-Istati Membri, lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-TFUE, l-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni ma jirriżultax f'impediment għall-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom. Madankollu, biex isir użu tajjeb mill-fondi tal-Unjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiżgura, kemm jista' jkun, il-koerenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm, ma' dawk tal-Istati Membri, ***inklużi dawk iffinanzjati fl-ambitu tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) Sabiex jiġi żgurat l-operat tal-infrastruttura governattiva u jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla tiddelega, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, f'oqsma tal-kompetenza rispettiva tagħhom, skont il-kundizzjonijiet tal-ġestjoni indiretta li japplikaw għall-

Emenda

(45) Sabiex jiġi żgurat l-operat tal-infrastruttura governattiva u jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla tiddelega, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, f'oqsma tal-kompetenza rispettiva tagħhom, skont il-kundizzjonijiet tal-ġestjoni indiretta li japplikaw għall-

Kummissjoni.

Kummissjoni *u stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.*

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

(64) **Fil-prinċipju**, is-servizzi governattivi jenħtieġ li jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-utenti tas-servizzi governattivi. Jekk, wara analiżi, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' kapaċitajiet, jenħtieġ li jkun permess li tiġi żviluppata politika tal-ipprezzar bħala parti minn dawk ir-regoli dettaljati dwar il-forniment tas-servizz sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta tali politika **dwar l-ipprezzar**. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

(64) Is-servizzi governattivi, **bħala regolari ġenerali**, jenħtieġ li jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-utenti tas-servizzi governattivi. **Madankollu, il-kapaċità għal dawk is-servizzi hija limitata**. Jekk, wara analiżi **bir-reqqa**, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' kapaċitajiet, jenħtieġ li jkun permess, **fejn ġustifikat b'mod debitu**, li tiġi żviluppata politika tal-ipprezzar bħala parti minn dawk ir-regoli dettaljati dwar il-forniment tas-servizz sabiex **il-provvista tkun taqbel mad-domanda tas-servizzi u** tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta tali politika **tal-ipprezzar**. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika ulterjuri.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴², jenħtieġ li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura

Emenda

(68) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴², jenħtieġ li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura

f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm. L-evalwazzjoni ta' dan il-Programm jenħtieġ li tqis is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni li jappartjenu għall-komponent GOVSATCOM *imwettaq* fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696.

⁴² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm. L-evalwazzjoni ta' dan il-Programm jenħtieġ li tqis is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni li jappartjenu għall-komponent GOVSATCOM *imwettqa* fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696 *u jenħtieġ li tkun disponibbli fi żmien xieraq biex tikkontribwixxi għall-ħidma dwar kwalunkwe proposta biex jitkompla l-Programm fil-perjodu tal-QFP li jmiss.*

⁴² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

(69a) Biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-implimentazzjoni tal-Programm, f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti finanzjarji u legali essenzjali kollha. Hemm bżonn ukoll li jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sħab rilevanti fl-industrija, bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun hemm qafas ċar għall-objettivi intermedji u l-miri tal-Programm.

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tiġi żgurata d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu siguri u kosteffettivi għall-utenti governattivi f'konformità mal-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 7, li jappoġġa l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, l-ambjent, is-sigurtà u d-difiża, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-Istati Membri;

Emenda

(a) tiġi żgurata d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu siguri u kosteffettivi għall-utenti governattivi f'konformità mal-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 7, li jappoġġa l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, ***il-klima u*** l-ambjent, is-sigurtà u d-difiża, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-Istati Membri;

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-infrastruttura kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-assi spazjali u terrestri kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali ***għandha tiġi ffinanzjata*** kompletament mill-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2).

Emenda

4. L-infrastruttura kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-assi spazjali u terrestri kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali, ***u kwalunkwe riskju relatat, għandhom jiġu ffinanzjati*** kompletament mill-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2).

Ġustifikazzjoni

Il-kuntrattur jassumi r-responsabbiltà sħiħa għall-infrastruttura kummerċjali u għal kwalunkwe riskju relatat.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-forniment ta' servizzi kummerċjali għandu jiġi ffinanzjat mill-

Emenda

4. Il-forniment ta' servizzi kummerċjali għandu jiġi ffinanzjat mill-

kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). It-termini u l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi kummerċjali għandhom jiġu ddeterminati fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15. Huma għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari kif il-Kummissjoni se tivvaluta u tapprova l-forniment ta' servizzi kummerċjali biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3 jiġu ppreservati. **Huma għandhom jinkludu wkoll salvagwardji adegwati biex jipprevjenu distorsjonijiet** tal-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi kummerċjali, **biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt** ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn **u** kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor għall-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). **Tali salvagwardji** jistgħu jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabilità bejn il-forniment ta' servizzi governattivi u l-forniment ta' servizzi kummerċjali, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġ għall-forniment ta' servizzi kummerċjali.

kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). It-termini u l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi kummerċjali għandhom jiġu ddeterminati fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15. Huma għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari kif il-Kummissjoni se tivvaluta u tapprova l-forniment ta' servizzi kummerċjali biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3 jiġu ppreservati **u x'miżuri għandhom jittieħdu f'każ li dawk l-interessi essenzjali ma jiġux irrISPETTATI jew dawk l-oġġettivi ma jintlaħqux. B'mod partikolari, il-kuntratti għandhom jinkludu miżuri li jiżguraw il-kontinwità tas-servizz f'każ ta' nuqqas serju min-naħa tal-kuntrattur.**

Dawk il-kuntratti għandhom jiżguraw ukoll li ma jkun hemm ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi kummerċjali, **kunflitti** ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn **jew** kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor għall-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). **Għalhekk jistgħu** jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabilità bejn il-forniment ta' servizzi governattivi u l-forniment ta' servizzi kummerċjali, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġ għall-forniment ta' servizzi kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

Emenda maħsuba biex tiżgura li l-interess finanzjarju tal-Unjoni jiġi ppreservat.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista', ***f'każijiet debitament ġustifikati u fuq bażi eċċezzjonali***, tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika ***dwar l-ipprezzar***.

Emenda

B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista', ***wara analiżi bir-reqqa, fejn strettament meħtieġ biex il-provvista tkun taqbel mad-domanda tas-servizzi governattivi*** tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika ***tal-ipprezzar***.

Ġustifikazzjoni

Iċċarar tal-politika tal-ipprezzar.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Bid-determinazzjoni ta' din il-politika tal-ipprezzar, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi governattivi ma jfixkilx il-kompetizzjoni, li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' servizzi governattivi ***u li l-prezz identifikat ma jirriżultax*** f'kumpens żejjed ***lill-benefiċjarju***.

Emenda

Bid-determinazzjoni ta' din il-politika tal-ipprezzar, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi governattivi ma jfixkilx il-kompetizzjoni ***u*** li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' servizzi governattivi. ***Il-politika tal-ipprezzar ma tistax tirriżulta*** f'kumpens żejjed ***lill-kuntrattur. Kwalunkwe dħul mill-politika tal-ipprezzar għandu jintuża biex iżid il-kapaċità tas-sistema ta' konnettività sigura, jew għall-manutenzjoni tas-sistema, jew għall-akkwist ta' kapaċità addizzjonali.***

Ġustifikazzjoni

Iċċarar tal-politika tal-ipprezzar.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 u biex ikopri r-riskji assoċjati, għandu jkun ta' EUR **1 600** biljun bil-prezzijiet attwali.

Emenda

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 u biex ikopri r-riskji assoċjati **relatati mal-infrastruttura governattiva biss** għandu jkun ta' EUR **1 750** biljun bil-prezzijiet attwali. **Dak l-ammont għandu jittieħed mill-marġnijiet mhux allokatil fl-ambitu tal-limiti massimi tal-QFP 2021-2027 jew jiġi mmobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP.**

Ġustifikazzjoni

Bħala inizjattiva ġdida, il-Konnettività Sigura għandha tiġi ffinanzjata bl-użu ta' riżorsi ġodda. Iż-żieda żgħira fil-pakkett finanzjarju tikkorrispondi għall-ammont li l-Kummissjoni pproponiet li talloka fl-ambitu tal-NDICI.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont mill-QFP 2021-27 għandha tkun kif ġej:

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 23.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— **EUR 950 miljun mill-
Intestatura 1;**

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 23.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— **EUR 500 miljun mill-
Intestatura 5;**

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 23.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— **EUR 150 miljun mill-
Intestatura 6.**

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 23.

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Programm għandu jiġi kkomplementat b'finanzjament implimentat taħt il-Programm Orizzont Ewropa, **il-Programm** Spazjali tal-Unjoni **u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)** għal ammont indikattiv massimu ta' EUR 0,430 biljun, EUR 0,220 **biljun u EUR 0,150** biljun rispettivament. Dan il-finanzjament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/695, **ir-Regolament (UE) Nru 2021/696 u r-Regolament (UE) Nru 2021/947** rispettivament.

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-kuntratti msemija f'dan l-Artikolu għandhom **jinkludu salvagwardji adegwati biex jiġi evitat kwalunkwe** kumpens żejjed **lill-kuntrattur, distorsjonijiet** tal-kompetizzjoni, **kwalunkwe kunflitti** ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn **u** kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. F'konformità mal-Artikolu 7(4), dawn għandu jkun

Emenda

2. Il-Programm għandu jiġi kkomplementat b'finanzjament implimentat taħt il-Programm Orizzont Ewropa **u l-Programm** Spazjali tal-Unjoni għal ammont indikattiv massimu ta' EUR 0,430 biljun **u** EUR 0,220 biljun rispettivament. Dan il-finanzjament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/695 **u r-Regolament (UE) Nru 2021/696** rispettivament.

Emenda

3a. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ma jistax jintuża biex ikopri kwalunkwe riskju relatat mal-infrastruttura kummerċjali.

Emenda

6. Il-kuntratti msemija f'dan l-Artikolu għandhom **jiżguraw li l-kuntrattur ma jirċievi ebda** kumpens żejjed **u li ma jkun hemm ebda distorsjoni** tal-kompetizzjoni, **kunflitti** ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn **jew** kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. F'konformità mal-Artikolu 7(4), dawn għandu jkun fihom dispożizzjonijiet dwar il-proċess ta'

fihom dispożizzjonijiet dwar il-proċess ta' valutazzjoni u approvazzjoni tas-servizzi kummerċjali pprovduti mill-kuntrattur, biex jiġi żgurat li l-interess essenzjali tal-Unjoni u l-oġettivi tal-Programm jiġu ppreservati.

valutazzjoni u approvazzjoni tas-servizzi kummerċjali pprovduti mill-kuntrattur, biex jiġi żgurat li l-interess essenzjali tal-Unjoni u l-oġettivi tal-Programm jiġu ppreservati ***u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ li daww l-interessi essenzjali ma jiġux irrispettati jew daww l-oġettivi ma jintlaħqux. B'mod partikolari, għandhom jinkludu miżuri li jiżguraw il-kontinwità tas-servizz f'każ ta' nuqqas serju min-naħa tal-kuntrattur.***

Ġustifikazzjoni

Emenda maħsuba biex tiżgura li l-interess finanzjarju tal-Unjoni jiġi ppreservat.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li tiżgura kompetizzjoni effettiva fil-proċess tal-offerti, filwaqt li tqis l-oġettivi tal-indipendenza teknoloġika ***u*** l-kontinwità tas-servizzi;

Emenda

(b) li tiżgura kompetizzjoni effettiva fil-proċess tal-offerti, filwaqt li tqis l-oġettivi tal-indipendenza teknoloġika, il-kontinwità tas-servizzi ***u l-fattibbiltà teknoloġika fit-tul;***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) li tissodisfa l-kriterji ambjentali;

Emenda

(h) li tissodisfa l-kriterji ***ta' sostenibbiltà*** ambjentali ***u soċjali;***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Evalwazzjoni

Monitoraġġ u evalwazzjoni

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha **twettaq evalwazzjonijiet f'waqthom tal-Programm sabiex jagħtu kontribut fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.**

1. **Sabiex tikkontribwixxi għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tiżgura li r-riżorsi jintużaw bl-aktar mod effettiv u effiċjenti**, il-Kummissjoni għandha **timmonitorja l-Programm fuq bażi kontinwa u għandha tevalwa l-implimentazzjoni tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2026 u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem.**

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. **Sa [DATA 3 SNIN WARA D-DĦUL FIS-SEĦĦ], u kull erba' snin wara dan**, il-Kummissjoni għandha **tevalwa l-implimentazzjoni tal-Programm. Hija għandha tivvaluta:**

2. **Meta twettaq l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1**, il-Kummissjoni għandha **tqis il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali u għandha tivvaluta:**

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) kwalunkwe qbiż tal-kostijiet, il-puntwalità fl-ilħiq tal-iskadenzi stabbiliti għall-proġetti u l-effettività tal-

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tal-Programm;

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) il-livell tas-sinerġija u tal-komplementarjetà tal-Programm ma' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn rilevanti, reġjonali.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Jekk ikun meħtieġ, l-approprijazzjonijiet **jistgħu** jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-oġettivi previsti fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux ikkompletati sa tmiem il-Programm, kif ukoll spejjeż li jkopru attivitajiet operazzjonali kritiċi u l-forniment ta' servizzi.

Jekk ikun meħtieġ, l-approprijazzjonijiet **għandhom** jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-oġettivi previsti fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux ikkompletati sa tmiem il-Programm, kif ukoll spejjeż li jkopru attivitajiet operazzjonali kritiċi u l-forniment ta' servizzi.

Ġustifikazzjoni

Importanti li jintbagħat sinjal li r-riżorsi meħtieġa se jkunu disponibbli wara l-2027.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027
Referenzi	COM(2022)0057 – C9-0045/2022 – 2022/0039(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.3.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 7.3.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	José Manuel Fernandes 11.3.2022
Eżami fil-kumitat	17.5.2022
Data tal-adozzjoni	12.7.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna Bonfrisco, Olivier Chastel, Lefteris Christoforou, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Francisco Guerreiro, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Dimitrios Papadimoulis, Bogdan Rzońca, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Olbrycht
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Bernhuber, Helmut Scholz, Birgit Sippel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

29	+
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca, Johan Van Oortveldt
NI	Andor Deli
PPE	Alexander Bernhuber, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Rainer Wieland
Renew	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Margarida Marques, Victor Negrescu, Sippel Birgit, Nils Ušakovs
The Left	Dimitrios Papadimoulis, Scholz Helmut
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Francisco Guerreiro

0	-

2	0
HDDR	Anna Bonfrisco, Joachim Kuhs

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni